Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Numru 347/2002

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Artikolu 196, 20, 30 u 533**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**
**V**

**MARIA DOLORES PORTELLI**

**Seduta ta' llum, 10 ta' Jannar, 2003**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARIA DOLORES PORTELLI** bint Gerald u Joan nee Cardona, imwielda Haz Zabbar nhar l-erbgha ta' Mejju, 1950 u residenti 'St. Mary', Triq Wigi Rosato, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita numru 491250M giet mressqa quddiemha akkuzata talli waqt li kien jsehh zwieg legittimu ma Gwynenfryn Davies li sehh gewwa Bormla nhar t-tnax ta' Gunju, 1971 ghamlet zwieg iehor ma Emanuel Giordmaina li sehh gewwa South Australia nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Settembru, 2000.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru, 2002.

Rat li l-imputata, kif registrat fl-atti nhar s-sittax ta' Dicembru, 2002, m'ghandhix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u konsegwentement li l-kawza taghha tigi deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil Luisianne Borg fil-kapacita taghha ta' rappresentant tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tghid li fit-tnax ta' Gunju, 1971 l-imputata Maria Dolores Portelli kienet ikkuntrattat z-zwieg taghha ma Gwynenfryn Davies f'Malta fil-knisja parrokkjali ta' Bormla.

Illi sussegwentement ghal dan z-zwieg Maria Dolores Portelli kkuntrattat zwieg iehor ma certu Emanuel Giordmaina nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Settembru, 2000, din d-darba l-Awstralja kif jirrizulta mid-dokument esibit a fol 22 tal-atti u dan waqt li Gwynenfryn Davies kien ghadu haj w iz-zwieg taghhom kien ghadu validu.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru, 2002 l-imputata rregistrat ammissjoni kif jirrizulta mill-atti a fol 34 u ghaldaqstant fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena li jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji sabiex din il-Qorti taghti dik il-piena izghar li fid-deskrizzjoni taghha hija xierqa ghal dan r-reat.

Fl-ewwel lok l-imputata kkoperat bis-shih mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha.

Illi l-pero, kif jirrizulta minn ezami tal-atti u cioe mill-verbal registrat mid-Difiza fit-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru, 2002 u li mieghu qablet wkoll l-Prosekuzzjoni, l-imputat hija effettwata b'mod serju b'dawn l-proceduri tant li ttentat tikkommetti suwicidju.

Illi llum il-gurnata l-imputata ottjeniet d-divorzju dwar l-ewwel zwieg taghha kif jirrizulta mid-dokument esibit fl-atti a fol 36 li mhux kontestat mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk llum il-gurnata l-imputata ghandha biss zwieg wiehed li hu vigenti.

Rat il-fedina penali tal-imputata li ma hiex daqshekk reflettarja ghaliex ghandha biss xi kontravenzjonjiet u reat wiehed kommess fis-sena 1992.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 196, 20, 30 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti ghalhekk wara li tiddikjara li qed ssib lil imputata MARIA DOLORES PORTELLI hatja tal-akkuza ta' bigamija, tiddecidi li tikkundannha ghal piena karcerarja ta' tmintax il-xahar sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba sabiex din il-Qorti tikkundanna lil imputata thallas l-ispejjes ta' periti u esperti, il-Qorti rat li waqt il-kumpilazzjoni ma kien hemm l-ebda talba jew nomina tali u ghalhekk il-Qorti ma hiex ser tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**